32004D0637

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Settembru 2004

li tapprova t-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni teknika 2004 għat-titjib ta' l-istatistiċi agrikoli

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3374)

(2004/637/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni 96/411/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 1996 relattiva għat-titjib ta' l-istatistiċi agrikoli komunitarji [1] u b'mod speċjali l-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 4 tagħha u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tagħha,

Billi :

(1) B'mod konformi mad-Deċiżjoni 96/411/KE, il-Kummissjoni kull sena tistabbilixxi pjan ta' azzjoni teknika għall-istatistiċi agrikoli.

(2) Hu neċessarju li tittejjeb l-informazzjoni fuq il-karatteristiċi fiżiċi ta' l-agrikoltura ewropea, u li jitwaqqfu sistemi ta' informazzjoni fuq l-istruttura ta' l-irziezet fil-pajjiżi msemmija għall-implimentazzjoni tas-sistemi politiċi komunitarji relattivi.

(3) B'mod konformi mad-Deċiżjoni 96/411/KE, il-Komunità tipparteċipa finanzjarjament fl-ispejjeż magħmula minn kull Stat Membru għall-addattar tas-sistemi nazzjonali jew għax-xogħlijiet preparatorji marbutin ma' bżonnijiet ġodda jew li qed jiżdiedu li għandhom jitwettqu fil-qafas ta' pjan ta' azzjoni teknika.

(4) Jaqbel li jiġu kkonsolidati ċerti azzjonijiet mibdija fil-pjanijiet ta' azzjoni preċedenti u li jitkompla l-isforz mibdi.

(5) Minħabba t-tkabbir li se jseħħ matul is-sena 2004 hemm bżonn li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-2004 issir f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi ta' dan il-pjan ta' azzjoni ġiet approvata bid-Deċiżjoni 2004/366/KE tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2004 [2]. Jaqbel li issa tiġi adottata t-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni msemmi.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istatistika Agrikola,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

It-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni teknika 2004 għat-titjib ta' l-istatistiċi agrikoli (TAPAS 2004 - fażi 2), li tidher fl-Anness, hi approvata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussell fit-8 ta' Settembru 2004.

Mill-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 162, ta' l-1.7.1996, p. 14. Deċiżjoni modifikata l-aħħar bid-Deċiżjoni 1919/2002/KE (ĠU L 293 tad-29.10.2002, p. 5).

[2] ĠU L 114 tal-21.4.2004, p. 32.

ANNESS

It-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni teknika 2004 għat-titjib ta' l-istatistiċi agrikoli (TAPAS 2004 — fażi 2)

L-azzjonijiet maħsuba bit-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni teknika għat-titjib ta' l-istatistiċi agrikoli (TAPAS) fl-2004 għandhom l-għan li jiżviluppaw jew itejbu l-istatistiċi fl-oqsma li ġejjin :

(a) il-karatteristiċi fiżiċi ta' l-agrikoltura ewropea,

(b) l-istatistiċi fuq l-istruttura ta' l-irziezet.

Il-Kummissjoni se tipparteċipa finanzjarjament fil-proġetti żviluppati fil-qafas ta' dawn l-azzjonijiet. Din il-kontribuzzjoni minn kull Stat Membru m'hijiex se taqbeż l-ammonti indikati fit-tabelli A u B.

L-azzjonijiet preżentati mill-Istati Membri jikkonċernaw :

1) *Il-karatteristiċi fiżiċi ta' l-agrikoltura ewropea*

Din l-azzjoni hi parti mill-prolungament ta' l-azzjonijiet diġà mwettqa fis-snin preċedenti u hi maħsuba biex ittejjeb l-informazzjoni statistika fir-rigward ta' wċuħ, produzzjoni u użu tal-prodotti agrikoli, b'mod speċjali l-frott u l-ħaxix; il-bhejjem u l-produzzjoni u l-użu tal-prodotti tal-bhejjem, b'mod partikolari l-produzzjoni tal-ħalib.

2) *L-istatistiċi fuq l-istruttura ta' l-irziezet*

L-istatistiċi fuq l-istruttura ta' l-irziezet huma ta' importanza kbira għall-kontinwità tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola. Fl-2003, jiġifieri qabel l-adeżjoni, l-10 pajjiżi mseħbin għamlu stħarriġ fuq l-istruttura ta' l-irziezet, imma ma kinux obbligati li jittrasmettu l-fatti individwali lill-Eurostat. It-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni TAPAS 2004 għandha tippermettilhom li jippreparaw din it-trasmissjoni u li jikkonsolidaw l-istatistiċi dwar l-istruttura. Din għandha wkoll tippermetti xogħlijiet metodoloġiċi u l-implimentazzjoni tat-tipoloġija komunitarja ta' l-irziezet.

TABELLA A

Pjan ta' azzjoni teknika 2004, fażi 2

UE 15

Parteċipazzjoni finanzjarja massima tal-Komunità fl-ispejjeż magħmula

(f'eluf ta' ewro)

PAJJIŻI	BE	DK	DE	EL	ES	FR	IE	IT	LU	NL	AT	PT	FI	SE	UK	TOTAL
Karatteristiċi fiżiċi		12	20					111								143
TOTAL		12	20					111								143

TABELLA B

Pjan ta' azzjoni teknika 2004, fażi 2

Pajjiżi li aderixxew ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004

Parteċipazzjoni finanzjarja massima tal-Komunità fl-ispejjeż magħmula

(f'eluf ta' ewro)

PAJJIŻI	CZ	EE	CY	LV	LT	HU	MT	PL	SI	SK	TOTAL
Karatteristiċi fiżiċi	40	29,7		21,096	14	30,5	28,6		11,25	38	213,146
Statistiċi fuq l-istruttura ta' l-irziezet		13,95						54	9,9	36	113,850
TOTAL	40	43,65		21,096	14	30,5	28,6	54	21,15	74	326,996